# Restawr tal-Kwadru Titulari ta' Sant'Andrija

Prof Keith Sciberras u Lisa Xuereb B.A. (Hons.)

Ix-xogħol fuq ir-restawr u l-konservazzjoni tal-kwadru titulari tal-martirju ta' Sant'Andrija maħdum mill-artist barokk Mattia Preti li jinsab fil-parroċċa ta' Sant'Andrija ġewwa Ħal Luqa, sar mill-Koperattiva ReCoop bejn ix-xhur ta' Settembru 2014 u Marzu 2015. Dan ix-xogħol impressjonanti ġie fdat lill-Koperattiva ReCoop mill-Kappillan tal-parroċċa Fr. Gordon Refalo. Ix-xogħol ta' konservazzjoni sar mit-team ta' ReCoop taħt id-direzzjoni ta' Paul Muscat u Roderick Abela, waqt li l-aspett storiku artistiku ħa ħsiebu l-Professur Keith Sciberras.

L-artist Mattia Preti pitter il-martirju ta' Sant'Andrija fis-sena 1687 kif indikat minnu stess fin-naħa t'isfel tal-kwadru, tliet snin wara li l-pittura ġiet ikkummissjonata mill-kappillan ta' dak iż-żmien Francesco Theuma. Fl-istess żmien, ix-xogħol fuq il-kor tal-knisja fejn kellu jiddendel dan il-kwadru kien wasal fl-aħħar fażijiet tiegħu. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija l-kor tal-parroċċa ta' Ħal Luqa kellu jerġa' jiġi ristrutturat minħabba li kien ġarrab ħsarat estentivi mill-bombi tal-għadu waqt diversi attakki li kienu jsiru mill-ajru fuq il-gżejjer Maltin.



Dan il-kwadru jirrappreżenta lill-Appostlu Sant'Andrija marbut bil-ħbula ma' salib minn żewg manigoldi. Ir-raġuni għala ġie msallab bil-ħbula u mhux bl-imsiemer hi biex jitwal il-ħin tal-mewt tiegħu. Fl-isfond ta' dan il-kwadru jidhru diversi nies li kienu preżenti waqt il-ħin tal-martirju biex jisimgħu it-tagħlim li l-qaddis kien qed ixandar sakemm kien fuq is-salib. Skont il-leġġenda, waqt il-ħin tal-martirju Sant'Andrija ħa l-opportunità biex ixandar it-tagħlim ta' Kristu waqt li kien imsallab għal jumejn sħaħ sakemm in-nies bdew jheddu li jużaw il-forza biex jitneħħa minn fuq is-salib. Sa dak il-ħin l-Appostlu Sant'Andrija ħass li t-tagħlim li kien xandar kien biżżejjed u beda jitlob lil Alla biex jiġu pparalizzati riġlejh biex jilħaq imut qabel ma jaqtgħulu saqajh barra. Fin-naħa ta' fuq tal-pittura fuq kull naħa tas-salib jidhru żewġ anġli li qed iżommu s-simboli tal-martirju li huma l-palma u l-kuruna. Preti pinġa l-mument fejn Sant'Andrija jaċċetta l-mewt tiegħu b'mod glorjuż filwaqt li qed iħares lejn is-sema. Din il-kompożizzjoni hi simili ħafna għall-pittura oħra li kien għamel Mattia Preti tal-istess qaddis fl-apside tal-knisja ta' S. Andrea della Valle f'Ruma. Il-pittura li tinsab Ruma hi ħafna ikbar u mpittra bit-teknika tal-affresk. Meta Mattia Preti pinġa l-pittura ta' Sant'Andrija f'Ruma kien iżgħar fl-età u x-xogħol tiegħu kien iktar dinamiku u trijonfanti meta mqabbel mal-kwadru titulari ta' Ħal Luqa li pingieh lejn l-aħħar tal-karriera tiegħu. Peress li fil-knisja ta' S. Andrea della Valle kellu spazju ikbar fejn jaħdem, Mattia Preti seta' wkoll jinkludi iktar nies fil-kompożizzjoni tiegħu.

Ix-xogħol ta' konservazzjoni sar fil-laboratorju tar-ReCoop ġewwa l-Imrieħel wara li ġie eżaminat fuq il-post. Il-pittura nstabet li tinsab fi stat tajjeb ta' konservazzjoni iżda kienet qed issofri estetikament minħabba numru ta' passati qodma ta' verniċ li skuraw maż-żmien. Kien hemm wkoll depożiti ta' ħmieġ fuq dawn il-passati tal-verniċ. Instab ukoll li kien hemm numru ta' rtokki ta' restawr antik li skura maż-żmien. Kien jidher biċ-ċar li l-kuluri oriġinali ta' Mattia Preti kienu tbiddlu minħabba dawn l-interventi.



Instab li r-rintilar antik li kellu l-kwadru kien għadu b'saħħtu iżda t-tila kienet intelqet u għalhekk kien hemm bżonn li terġa' tiġi stirata. L-eżami li sar qabel beda l-intervent wera wkoll li kien hemm minn tal-anqas żewġ interventi antiki ta' restawr fuq il-kwadru. Wieħed minnhom kien sar fl-1875 mill-pittur




CB™
COMPUTER BARGAINS

Tal-Mahznier Street,
Luqa LQA 1250, Malta

Tel: 2167 7999
Mob: 9945 3187

Email: info@computerbargainsmalta.com
Web: www.computerbargainsmalta.com

famuż Giuseppe Calì filwaqt li l-ieħor kien sar mill-pittur Oscar Testa. Dan l-intervent ta' Testa jidher li kien wieħed estensiv speċjalment fuq l-isfond tal-kwadru fejn kien hemm intervent kbir tal-irtokk. Iskirizzjoni fuq wara tal-kwadru tati prova ċara tal-intervent li sar minn Giuseppe Calì u din tgħid hekk:

"Questo quadro e stato restaurato dal G. Cali nel. 1875"

L-ewwel fażi tal-istudju fuq il-kwadru kienet tinkludi wkoll il-proċessi kollha ta' dokumentazzjoni fotografika li tinkludi fotografija *"ultraviolet"* u *"infra red"*. Dawn jgħinu biex it-team ta' ReCoop seta' jidentifika interventi ta' restawr qodma kif ukoll materjali mhux oriġinali li kienu fuq il-pigmenti ta' Mattia Preti. B'hekk seta' jiġi identifikat l-aħjar trattament possibbli. Din id-dokumentazzjoni wriet preċiżament kemm kellu rtokk il-kwadru speċjalment fil-parti ta' madwar il-figura tal-qaddis, is-sema u d-drappeġġ tal-manigold li hemm impitter fuq il-lemin kif wkoll irtokki fuq is-salib ta' Sant'Andrija.



Il-kwadru tpitter b'żebgħa taż-żejt fuq preparazzjoni mogħtija fuq tila li għandha dimensjoni ta' 419cm x 290cm. It-tila tikkonsisti minn erba' partijiet meħjutin flimkien b'mod orizzontali.

Peress illi l-kwadru kien ġie rintilat ma setax isir studju fuq il-verso tat-tila originali. Studju fuq *"taching margins"* juri li t-tila oriġinali hi *"Woven Plain Weave Canvas"* waqt li t-tila tar-rintilar hi tat-tip *"Jute"*. It-tila tar-rintilar hi magħmula minn żewġ biċċiet kbar meħjutin flimkien bil-linja tagħhom tkun vertikali u f'nofs il-kwadru. Il-pittura kellha frame bastun li kien imsammar direttament fuq iż-żebgħa oriġinali. L-ewwel fażi tar-restawr kien dak fejn isiru testijiet żgħar ta' tindif. Dawn saru biex jiġi żgurat li jintużaw l-iktar solventi effettivi u li tiġi rfinata l-metodoloġija. L-ewwel li tneħħa kien it-trab superfiċjali. Wara beda t-tneħħija tal-verniċ antik li kien qiegħed fuq l-irtokk ta' restawr preċedenti. Bil-mod u bi proċess delikat tneħħew il-partijiet ta' *"overpainting"* u beda jiġi skopert l-*"impasto"* u ż-żebgħa oriġinali ta' Mattia Preti. Beda jidher ċar li l-kwadru ser jirkupra ħafna u li d-daqqiet tal-pinzell ta' Mattia Preti kienu friski u maħdumin b'mod veloċi. Ta' interess huwa l-fatt li ġew skoperti numri ta' toqob żgħar madwar ras il-qaddis li kienu magħluqa b'ġibs tar-restawr li jindika li l-qaddis kellu raġġiera. Ingħata wkoll konsolidant fejn deher illi ż-żebgħa oriġinali kienet qed tfaqqa' sabiex terġa' tiġi mwaħħla mingħajr ma tintilef għal kollox.



Waqt it-tindif ħarġu numru ta' pentimenti speċjalment fuq il-figura prinċipali ta' Sant'Andrija. Jidher ċar li Mattia Preti għamel korrezzjonijiet fuq il-figura tal-qaddis li kellhom l-intenzjoni li jkabbru l-muskulatura tal-ġisem speċjalment fuq l-ispalla tax-xellug u fuq il-koxox. Kien hemm ukoll korrezzjonijiet żgħar madwar il-kwadru.

Fażi oħra importanti kien l-intervent strutturali. Kien jidher ċar mill-bidu nett illi r-rintilatura ta' Oscar Testa kienet għadha soda u għalhekk ġie deċiż li din kellha tiġi miżmuma u kkonsolidata. Kien hemm sinjali tal-piż tat-tila nnifisha li waslu li jkun hemm sinjali li bdiet tiddendel partikolarment fil-parti ta' isfel għalhekk l-kwadru kellu jerġa' jiġi stirat.

Wara din l-fażi sar intervent fejn toqob żgħar reġgħu ġew mimlija bil-ġibs b'attenzjoni partikolari titties ħed biex fl-ebda ħin dan il-ġibs ma jkopri parti miż-żebgħa oriġinali. Ingħataw passati ta' verniċ biex jinbeda l-aħħar proċess li huwa l-integrazzjoni pittorika. B'xorti tajba ma kienx hemm partijiet kbar li kellhom bżonn ta' integrazzjoni u għalhekk ir-riżultat aħħari huwa wieħed illi għandu persentaġġ għoli ħafna ta' żebgħa oriġinali ta' Mattia Preti. L-intervent ta' integrazzjoni sar *" a puntini"* b'żebgħa bil-bażi tal-verniċ li tintuża fir-restawr. Dan hu importanti għax il-materjali li jintużaw huma faċilment riversibbli. Wara analiżi li sar fuq l-aspett estetiku tal-kwadru flimkien ma' esperti storiċi tal-arti ġie deċiż illi jingħataw l-aħħar passati ta' verniċ biex jitlesta u l-kwadru jkun protett.



L-intervent tar-restawr irnexxielu joħroġ it-teknika straordinarja ta' Mattia Preti, fejn jidher ċar li uża daqqiet wiesa' u friski fejn f'diversi okkażjonijiet ħalla l-preparazzjoni viżibbli. Speċjalment friski huma l-passaġġi fejn hemm ringiela ta' nies fuq wara tal-kwadru li kienu qed iħarsu lejn il-martirju. Hemm impasti b'saħħithom fl-immudellar tal-wiċċ tal-qaddis filwaqt li l-anatomija tal-manigoldi turi s-saħħa ta' Preti fil-moviment tal-ġisem uman. Ma hemm l-ebda dubju li l-kwadru kollu tpitter minn Mattia Preti innifsu.

Ix-xogħol ta' restawr tlesta lejn l-aħħar ta' Marzu 2015 u b'mod delikat il-kwadru ġie ttrasportat lura lejn il-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa taħt id-direzzjoni tal-kappillan Fr. Gordon Refalo mgħejjun mill-grupp tal-armar tal-knisja u voluntiera oħra. Il-kwadru llum jista' jitgawda bis-saħħa oriġinali tiegħu u jista' jitqies bħala xogħol awtografu u tpitter fiż-żmien meta l-artist kien qed jaħdem fil-Katidral tal-Imdina u fl-Oratorju tad-Dekolato fil-knisja konventwali ta' San Ġwann. Din tal-aħħar turi l-ambizzjoni artistika li kellhom l-parruċċani ta' Ħal Luqa li b'dan il-kwadru wrew ix-xewqa li jkollhom xogħol mill-aqwa li Malta setgħet tipproduċi.

